KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 68

**L-Erbgħa 24 ta' Jannar 2024**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Christianne Mifsud – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier (marid)

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 68.1 Qari tal-Apoloġiji

68.1.1 Is-SE infurmat li kien hemm ittra waħda ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Dr Attard li kien jinsab marid.

## 68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

68.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħat preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

68.2.2 Il-minuti tas-seduti numru 66 u 67 ġew approvati b'mod unanimu u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 68.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

68.3.1 Is-Sindku informa li wara sena li qed titmexxa s-sistema l-ġdida tal-iskart, ġie nnutat li r-Reġjun Tramuntana kien qed iħallas lura lill-Kunsilli għall-borża l-bajda meta ma kienx suppost qed jagħmel dan. Barra minn dan, id-DLG diġà kien ħa parti mit-tranche tal-allokazzjoni u min-naħa tar-Reġjun ma ħadux din in kunsiderazzjoni u għaldaqstant issa l-Kunsilli Lokali spiċċaw iridu jħallsu ammonti kbar fi flus biex jagħmlu tajjeb għal dawn l-iżbalji. Se tipprova tinstab soluzzjoni għal din il-problema.

68.3.2 Is-Sindku informa li r-Reġjun kien ħejja skema għal €20,000 għal attivitajiet kulturali għal kull Kunsill Lokali.

68.3.3 Is-Sindku informa li r-Reġjun kellu kompetizzjoni għal tpinġija ta' bolol tar-reġjun u kien talab lill-Kunsill jagħżel xi xtaq li jirrappreżenta lil-lokalità tagħna. Kien hemm qbil unanimu li għandu jintagħżel it-torri tal-arloġġ.

68.3.4 Is-Sindku informa li kien tkellem ma' rappreżentanti ta' IM dwar ix-xogħlijiet fil-*bypass* fejn dawn kienu infurmawh li sa għaxart ijiem oħra se tkun tlestiet.

68.3.5 Is-Sindku informa li l-proġett tal-Foresta tal-Frott kien issa qed iqarreb iż-żewġ miljuni. Għaldaqstant kienet intbagħtet talba lil IM sabiex jagħtu xi għajnuna finanzjarja lill-Kunsill biex ipattu tal-problema tad-dawl li kienet inħolqot meta saret ir-rikostruzzjoni tat-toroq u dawn kienu qablu li jidħlu għall-10% tal-ammont huma.

68.3.6 Is-Sindku informa li minbarra dan l-ammont, il-Kunsill ġie mgħarraf bi skema ta' €50,000 tal-Awtorità tal-Ippjanar li setgħu jintużaw għall-proġett ta' Pjazza San Oswald. Għaldaqstant bil-ftehim tat-€80,000 tal-LESA u l-€50,000 tad-DPF, il-Kunsill ikun fadal ko-finanzjament iżgħar minn dak previst.

68.3.7 Is-Sindku informa li kienet se tiġi inawgurata l-Military Walk fl-Imtarfa, ir-Rabat u l-Imdina. Il-Ħadd kienet se ssir mixja madwar il-lokalità tagħna u se jinfetħu x-xelter u t-torri tal-arloġġ.

68.3.8 Is-Sindku informa li sadanittant kien kellmu s-sid tar-restorant li kien hemm fil-pjazza u infurmah li min-naħa tiegħu kien se jibda jkollu gruppi ta' turisti għall-ikel.

## 68.4 Impjiegi ġodda

68.4.1 Is-SE infurmat li l-Uffiċċjal Eżekuttiv il-ġdid kien se jibda fl-1 ta' Frar 2024.

68.4.2 Sadanittant kienet saret intervista oħra għal *Council Assistant* u l-bord tal-intervisti kien qed jirrakkomanda li tiġi impjegata l-kandidata li applikat u li ġejja minn Kunsill ieħor.

68.4.3 Il-Kunsill approva dan l-ingaġġ.

## 68.5 Approvazzjoni tal-*Performance Bonus* tal-Ħaddiema tal-Kunsill

68.5.1 Is-SE preżentat il-formoli tal-*performance bonus* tal-ħaddiema tal-Kunsill. Fuq rakkomandazzjoni tas-SE kien hemm qbil li jingħata l-massimu għal kull ħaddiem, jiġifieri 10% għas-SE u 6% għall-impjegati.

## 68.6 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għal kull kwart (Sett – Diċ 2023)

68.6.1 Is-SE infurmat li l-accountant tal-Kunsill kienet tinsab onlajn sabiex tagħti spjega dwar ir-rapporti finanzjarji.

68.6.2 L-accountant spjegat li minħabba li qabel għeluq is-sena, il-Kunsill kien irċieva ammont konsiderevoli għax-xogħol li se jsir fir-rigward tal-proġett tal-foresta tal-frott, kien għalaq is-sena b'surplus u b'indikatur finanzjarju ta' 197%.

## 68.7 Approvazzjoni tal-Financial Statements għas-Sena 2023

68.7.1 L-Accountant ġibdet l-attenzjoni li għalkemm kif semmiet fir-rapport finanzjarju ta' kull kwart, il-Kunsill kien spiċċa s-sena b'surplus, il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill ma kinitx tajba u saħqet biex il-Kunsill jimxi strettament ma' dak maqbul fil-baġit għaliex il-flus li fil-preżent qed iġibu s-sitwazzjoni f'waħda pożittiva se jkollu jroddhom lura meta jibdew il-ħlasijiet tal-proġett ta' PG.

68.7.2 Hija tat spjega ħafifa tal-ammonti fuq il-FS u infurmat li bħala spejjeż amministrattivi l-Kunsill kien nefaq inqas milli kien antiċipa u li din għandha tkun il-pass li wieħed iżomm miegħu għas-sena li ġejja biex iġib parti mill-ispejjeż lura.

68.7.3 Hija rrakkomandat biex il-Kunsill ma jħallasx aktar tipping fees milli ngħatawlu mill-Gvern Ċentrali sabiex ma jkomplix jgħarraq is-sitwazzjoni.

68.7.4 Finalment ġibdet l-attenzjoni wkoll li l-proġett tal-ERDF kien ta' piż bil-wisq ikbar milli l-Kunsill stenna u li għalkemm irnexxielu jġib il-fondi mill-UE, u fondi oħra mill-PWD kif ukoll mill-fondi tal-ko-finanzjament, il-Kunsill spiċċa nefaq 'il fuq minn €200,000 mill-fondi tiegħu.

## 68.8 Rapport dwar Ġemellaġġi

68.8.1 Is-SE infurmat li matul is-sena ta' qabel ma kienet saret ebda attività relatata mal-ġemellaġġi kif jidher fuq ir-rapport li preżentat.

## 68.9 Laqgħa tal-Lokalità

68.9.1 Is-SE fakkret li wara l-laqgħa tal-Kunsill kienet se tinżamm il-laqgħa tal-lokalità.

## 68.10 Jum l-Imtarfa

68.10.1 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li terġa' ssir l-attività ta' Jum l-Imtarfa bħalma kienet issir fis-snin ta' qabel. Is-SE infurmat li għal din l-attività l-massimu li jista' jonfoq kull kunsill huwa €3500 però għal din is-sena, l-allokazzjoni tal-Kunsill fil-baġit kienet biss ta' €2000. Kien hemm qbil li s-SE għandha tmexxi bir-riklamar tan-nomini.

68.10.2 Sadanittant kien hemm qbil li għandu jiġi ffurmat sottokumitat mis-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Mifsud.

## 68.11 Punti Oħra

68.11 Kien hemm qbil li tinqabeż minħabba li sar il-ħin għal-laqgħa tal-lokalità.

## 68.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

68.12.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 01/2024), kopja tagħha mehmuża.

68.12.2 Il-Kunsillier Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Fenech issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 68.13 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

68.13.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7:05pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 27 ta' Frar fil-5:30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 27 ta' Frar 2024.

| | |
|---|---|
| Kyle Mifsud | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |